# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 49**

11 ta' Lulju 2018

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fis-2.00 ta' waranofsinhar.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 49.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

49.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 49.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

49.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tmienja u erbgħin (48) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

49.2.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 48.2.7.5 li għandha taqra "Għalhekk il-Kunsill qabel, bl-eċċezzjoni tas-Sur Vince Borg (Viċi Sindku), li l-banners tal-plejers nominati f'Jum il-Floriana, jingħataw b'xejn lill-Floriana FC bil-kundizzjoni li l-ewwel opportunita tingħata lill-familjari li jkunu jixtiequ jixtru l-banner."

49.2.3. Il-Viċi Sindku VB ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 48.4.2 u qal li l-laqgħa nżammet ma' Mauro Pace Parascandalo, li huwa rappreżentant tal-għaqdiet non-governattivi.

49.2.4. Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, VB, AD, DSH, , AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

49.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 48.2.5 rigward il-Fosos u staqsa jekk kienx hemm risposta mill-Ministru Owen Bonnici. Is-Sindku DSH qalet li sa dakinhar ma kien għad hemm l-ebda risposta. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jibgħat tfakkira

49.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 48.2.8 rigward il-mapep fil-Waterfront. Is-Sindku qalet li għandha tibgħat email ta' tfakkira.

49.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 48.5.3 u staqsa jekk kienx hemm risposta mill-Ministru José Herrera. Is-Sindku nformat li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta u għalhekk il-Kunsill qabel li jibgħat tfakkira.

49.2.8. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 48.2.3 rigward it-tabella tal-lokalita li hemm fi Triq Ġlormu Cassar u staqsa meta ser tiġi rilokata. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja mal-ħaddiem manwali tal-Kunsill meta ser tiġi rilokata.

49.2.9. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għat-tabella tal-lokalita li hemm fil-Ħamrun. Huwa qal li kien tkellem mas-Sindku tal-Ħamrun li kien talbu jibgħat ittra b'mappa li tindika kif għandha tiġi rilokata. Is-SE informat li għandha tibgħat l-ittra mitluba fil-jiem li ġejjin.

49.2.10. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 48.11.1 u staqsa jekk kienux ġew ordnati il-plakek tal-ismijiet tas-swali fid-Dar tal-Kunsill. Is-SE wieġbet li kienu qed jintalbu l-kwotazzjonijiet.

### 49.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

49.3.1. Is-Sindku DSH qalet li kienet iltaqgħet ma' persuna interessata torganizza l-attività ta' St Patrick's Day. Hija qalet li kienet tkellmet miegħu rigward materji loġistiċi fejn fost l-oħrajn, informatu li l-

attività dejjem tittella' Triq il-Konservatorju. Is-Sindku qalet li hu kien propona li l-attività tikber u tiġi organizzata fuq il-Fosos fejn kellu l-ħsieb li jarma tliet palkijiet.

49.3.1.1. Il-Viċi Sindku VB qal li jemmen li tradizzjonalment St Patrick's Day kienet xi ħaġa taż-żona ta' Balzunetta. Huwa qal li forsi setgħet tiġi kkunsidrata iż-żona ta' parkeġġ fi Triq V. Dimech u l-parti ta' fejn hemm il-Floriana Nursery, biex b'hekk l-attività xorta titħalla fiż-żona ta' Balzunetta. Huwa qal ukoll li m'għandux oġġezzjoni li jiltaqa' mal-persuna in kwistjoni iżda l-ewwel il-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk l-attività għandiex tibqa f'Balzunetta jew le.

49.3.1.2. Is-Sindku qalet li hi għandha r-riservi tagħha għax hi wkoll ma taqbilx li l-attività ma tibqa tittella' fi Triq il-Konservatorju.

49.3.1.3. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill diġà kellu offertà oħra għax jidher li hemm potenzjal li l-attività tikber iktar. Huwa qal li sta għall-Kunsill li jara kif għandha tikber billi l-Kunsill jiddeċiedi jekk japprovax li l-attività tittella' fuq il-Fosos jew jekk tibqa tinżamm f'Balzunetta u l-madwar.

49.3.1.4. Il-Kunsillier AGS qal li l-organizzaturi qed jarawha fuq skala ikbar u l-Kunsill irid jara jekk wasalx iż-żmien li l-attività tikber jew jekk titħalliex kif inhi.

**<u>Nota: 14:15 Il-Kunsillier AD talab li jkun skużat.</u>**

49.3.1.5. Is-Sindku DSH qalet li ladarba l-attività dejjem kienet organizzata b'mod konġunt mal-Floriana Ajax, allura l-prijorità tal-bar għandha tibqa tingħata lilhom.

49.3.1.6. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' miegħu u jinformah li jemmen li l-attività għandha tibqa tiġi organizzata f'Balzunetta u tikber billi tespandi wkoll għall-madwar.

49.3.1.7. Is-SE qalet li jekk il-Kunsill jasal jikkunsidra l-proposta ta' dan l-offerent, allura proponiet li l-Kunsill jiltaqa' wkoll mal-persuna li avviċinat lill-Kunsill oriġinarjament sabiex il-Kunsill ikun ġab l-aħjar offerta. Il-Kunsill qabel.

**<u>Nota: 14:18 Il-Kunsillier AD reġa' attenda għal-laqgħa.</u>**

49.3.1.8. Il-Kunsillier AD qal li l-Floriana għandha rabta ikbar ma' din l-attività u għalhekk il-Kunsill għandu jagħti iktar piż lill-aspett storiku tal-attività.

**<u>Nota: Il-Kunsill qabel li l-materja nru 49.4 tiġi diskussa iktar tard.</u>**
**<u>Il-materja ġiet diskussa fis-14:53.</u>**

### 49.4 RAPPORTI

49.4.1. Is-SE ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart.

49.4.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni sabiex dan ir-rapport jiġi approvat, issekondata mill-Kunsillier AD. Ittieħed vot bir-riżultat ikun wieħed favur unanimament.

**49.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

49.5.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**49.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;**

49.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

**49.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

49.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 41/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

49.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Albert Demarco, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

**49.8 Mozzjonijiet**

49.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

**49.9 Offerti pubbliċi**

49.9.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-*concession* tal-kiosk u t-tender tar-*road resurfacing* jinsabu ppublikati iżda għadhom m'għalqux.

49.9.2. Is-Sindku nformat ukoll li ser jiġu ppublikati dalwaqt ir-riżultati tat-tender tal-ġbir ta' skart.

49.9.3. Is-Sindku nformat ukoll li kienu qed jiġu abbozzati t-tenders tal-proġetti relatati maċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

**49.10 Korrispondenza**

49.10.1. **Ilment rigward il-gwardjani lokali**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand kumpanija stabbilita li tinsab fil-Floriana fejn talbu laqgħa mal-Kunsill rigward il-gwardjani lokali fil-lokalita. Huma lmentaw li l-gwardjani lokali kienu qed jagħtu fastidju lill-klijenti u anke jhedduhom: sitwazzjoni li kienet qed tfixkel in-negozju tal-kumpanija. Is-Sindku qalet li hi kienet irrispondiet fejn informathom li l-gwardjani lokali ma kienux jaqgħu taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill iżda kienu impjegati tal-LESA. Hija qalet li kienet ser tinżamm laqgħa magħhom nhar il-Ġimgħa 20 ta' Lulju f'12.00pm.

Il-Kunsillier JAE qal li jinkwetah il-fatt li r-rappreżentant ta' din il-kumpanija kien qed jgħid li l-gwardjani lokali kienu qed jgħidu li huma mqabbdin mill-Kunsill, meta dan ma kienx minnu. Għalhekk il-Kunsill qabel li għal-laqgħa, għandu jintalab jattendi wkoll uffiċjali għoli tal-LESA. Il-Kunsillier JAE qal li kien hemm bżonn ukoll li s-superjuri tal-gwardjani lokali jiċċaraw u jinformaw lill-gwardjani lokali li r-responsabbilta tagħhom kienet lejn il-LESA u mhux tal-Kunsill Lokali Floriana. Il-Kunsill qabel.

49.10.2. **KORRISPONDENZA MID-DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET**

Is-SE informat lill-Kunsill b'korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Eżamijiet fejn esprima d-diżappunt tiegħu li l-muturi baqgħu jipparkjaw taħt il-bini tad-dipartiment. Hija qalet li d-Direttur kien informa li ser iressaq l-ilment tiegħu lill awtoritajiet ogħla. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jirrispondi li jekk il-bini jkollu aspett storiku ma jfissirx li wieħed ikun jista' jamministra l-bini għall-użu esklussiv tiegħu. Hija proponiet ukoll li tinformah li l-kwistjoni għandha tiġi trattata mal-LESA. Il-Kunsill qabel.

49.10.3. **PARKEĠĠ ILLEGALI FI TRIQ SAN PUBLJU**

Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kienet ġiet avviċinata minn resident fi Triq San Publju li lmenta rigward il-ħsara li qed iġarrab fuq l-isprall li għandu meta l-vetturi jipparkjaw fuq il-bankina. Hija qalet li kienet tkellmet ma' uffiċjal għoli tal-LESA li nfurmaha li għandu jieħu ħsieb ikellem lill-gwardjani lokali sabiex jgħassu iktar fuq iż-żona u ma jitħallewx jipparkjaw vetturi b'mod illegali. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jirranġa l-ħsara ta' din il-bankina. Hija nformat ukoll li r-resident kien talab li titwaħħal bollard quddiem l-isprall iżda l-Kunsill ma qabilx ma' dan. Il-Kunsill qabel li għandu jinsisti mal-gwardjani lokali sabiex jagħmlu xogħolhom u ma jagħlqux għajnejhom għal parkeġġ illegali.

Il-Viċi Sindku VB propona li l-Kunsill iwaħħal tabelli fit-toroq fejn il-vetturi jistgħu uffiċjalment jipparkjaw fuq il-bankina, bħal per eżempju fi Triq John Lopez u fi Triq l-Argotti. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 14:40 Il-laqgħa ġiet sospiża.**
**14:53 Il-laqgħa tkompliet.**

49.10.4. **TALBA GĦAL TWAĦĦIL TA' ADVERTISING STREET FURNITURE – ELITE EVENTS**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Elite Events fejn talbu permess sabiex jitwaħħlu advertising street furniture proposti f'diversi żoni madwar il-lokalita. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu japprova twaħħil tagħhom, bil-kundizzjonijiet skont il-bye-law u li l-ebda bankina fejn dawn jitpoġġew ma tiġi ostakolata.

49.10.5. **TABELLA TAL-LOKALITA FIT-TELGĦA TA' SA MAISON**

Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal tabella tal-lokalita li kien hemm fit-Telgħa ta' Sa Maison u nforma li din kienet għebet. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jara x'sar minn din it-tabella.

49.10.6. **KORRISPONDENZA MINGĦAND IL-KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR VOLONTARJU**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju fejn ġeddew l-istedina għall-kunsilli lokali biex tinżamm laqgħa mal-għaqdiet u l-organizzazzjonijiet volontarji tal-lokalita sabiex jiġu indirizzati aħjar ir-realtajiet differenti li jiltaqgħu magħhom ta' kuljum. Il-Kunsill hu mitlub jipprovdi post fejn issir il-laqgħa u li jinforma lill-għaqdiet lokali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

49.10.7. **KORRISPONDENZA MINGĦAND MAGRO BROTHERS**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Magro Brothers fejn informaw lill-Kunsill li kienu qed joffru tours fil-fabbriki tagħhom u offrew lil min ikun interessat japplika għal dawn it-tours. Huma nformaw ukoll b'postijiet vakanti li għandhom disponibbli għal min ikun jixtieq jaħdem magħhom.

### 49.10.8. PRESENTATION NIGHT

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn informaw lill-Kunsill talli laqgħa t-talba sabiex jorganizza il-presentation night b'mod konġunt. Huma nformaw li l-attività ser tittella' nhar it-18 t'Awwissu 2018 fi Ġnien Sir Luigi Preziosi u talbu permess sabiex ikunu jistgħu joħorġu l-flyer tal-attività huma bl-emblema tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 49.10.9. KORRISPONDENZA MINGĦAND MAPFRE

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand MAPFRE MSV Life fejn talbu permess sabiex jagħmlu bankina temporanja quddiem is-sit ta' kostruzzjoni li għandhom fi Triq Vincenzo Bugeja. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li kwalunkwe spiża tkun a spejjeż tal-imsemmija kumpanija u li t-triq u l-bankina jitħallew nodfa u jerġgħu jiġu ritornati għall-mod oriġinali tagħhom appena titneħħa l-bankina temporanja.

### 49.10.10. ĠURNATA GĦAL GĦAWDEX – GRUPP ĦIDMA SAN PUBLJU

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Grupp Ħidma San Publju fejn talbu lill-Kunsill biex jorganizza ħarġa għal Għawdex b'mod konġunt magħhom. Il-Kunsill ma qabilx minħabba li ma jinsabx f'sitwazzjoni finanzjarja li jorganizza iktar minn attività konġunta waħda fis-sena ma' kull għaqda.

### 49.10.11. ARTIKLU DWAR EMISSJONIJIET MILL-VAPURI

Is-Sindku għamlet riferenza għal artiklu li deher fuq it-Times of Malta dwar emissjonijiet prodotti mill-vapuri. Hija qalet li fl-artiklu kien hemm miktub li l-Gvern kien fetaħ konsultazzjoni pubblika ta' kif jista' jitnaqqas it-tniġġis tal-arja. Il-Viċi Sindku VB qal li l-Ministru Konrad Mizzi kien qal li l-Gvern kien qed jipprova li l-vapuri jaqilbu fuq l-elettriku appena jidħlu fil-port u dan biex jitnaqqas il-livell ta' emissjoni.
Is-SE qalet li kienet qrat li f'pajjiżi oħra qed ikun propost li jkun hemm bħal mini sub station f'kull port sabiex il-vapur ikun jista' jaqleb għall-elettriku minflok ma jibqa' juża l-fuel sakemm idum fil-port. Hija qalet li din il-proposta kienet qed tiġi diskussa fuq livell Ewropew.
Il-Kunsillier JAE qara messaġġ li kien irċieva rigward din il-materja li jitkellem dwar żieda fil-mard minħabba dawn il-livelli ta' emissjonijiet. Għalhekk huwa propona li l-Kunsill jitkellem mal-ministeru sabiex issir konsultazzjoni mal-kunsilli lokali li hemm mad-dawra tal-port. Il-Kunsillier AGS qal li wieħed irid jikkunsidra wkoll it-tug boats u mhux biss il-vapuri. Is-SE proponiet li din il-materja titqajjem ukoll fil-laqgħa tar-Reġjun Xlokk biex b'hekk tiġi diskussa fuq livell reġjonali.

### 49.10.12. KORRISPONDENZA MILL-ANIMAL WELFARE DEPARTMENT

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Sur George Farrugia għan-nom tal-Animal Welfare Department li nforma b'kampanja ta' promozzjoni u ssuġġerixxa laqgħa nhar it-3 ta' Lulju 2018. Is-Sindku qalet li mill-aħħar laqgħat li nżammu fuq suġġetti varji, ma tantx kien hemm parteċipazzjoni u għalhekk proponiet li minflok laqgħa, il-Kunsill jitlob materjal promozzjonali li jitqassam mill-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

### 49.10.13. KORRISPONDENZA MILL-FEDERAZZJONI MALTIJA TAL-ORGANIZZAZZJONI PERSUNI B'DIŻABBILTA

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Federazzjoni Maltija tal-Organizzazzjoni Persuni b'Diżabbiltà fejn talbu li tinżamm laqgħa mal-kunsillier responsabbli mill-persuni b'diżabbiltà. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom il-Viċi Sindku VB.

49.10.14. **Pink October**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Pink October fejn informaw lill-Kunsill bl-attivitajiet li ser jittellgħu f'Ottubru. Huma talbu l-assistenza tal-Kunsill sabiex jinxtegħel monument fil-lokalita bil-kulur roża matul ix-xahar t'Ottubru bħala ġest għal din il-kawża. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jixgħel il-faċċata tad-Dar tal-Kunsill u jikkunsidra wkoll li jixgħel il-funtana tal-Iljun li hemm fi Triq Sant'Anna.

49.10.15. **Qbid ta' Ħamiem**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Lawrence Formosa fejn informa li kienu nqabdu tliet mitt ħamiema mill-aħħar eżerċizzju li sar. Huwa staqsa lill-Kunsill jekk hux interessat li jagħmel eżerċizzju ieħor. Il-Kunsill qabel li jilqa' l-proposta filwaqt li ġie suġġerit sit ieħor fi Triq il-Mall.

**<u>Nota: 15:34 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.</u>**

Il-Viċi Sindku VB informa li bħalissa kien qed jiġi aġġudikat it-tender maħruġ mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fuq qbid ta' ħamiem. Huwa qal li meta dan jiġi finalizzat, il-Kunsill għandu jiġi nformat x'irid isir biex il-Kunsill jibda jibbenefika minn dan is-servizz.

**<u>Nota: 15:35 Is-Sindku reġgħet attendiet għal-laqgħa.</u>**

49.10.16. **Korrispondenza – Talba ta' no Parking quddiem garage fi Pjazza Sir Luigi Preziosi**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand individwu li talab permess ta' no parking quddiem il-garage tiegħu fi Pjazza Sir Luigi Preziosi. Is-Sindku qalet li jekk jingħata permess ta' no parking, ikun hemm bżonn li jitneħħew żewġ spazji ta' parkeġġ. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ladarba għadu qed jiġi rranġat il-garage u m'huwiex jintuża biex jiddaħħlu vetturi, allura għandu jieħu ħsieb jipprovdilu tabelli ta' no parking mingħajr ħlas. It-tabelli għandhom ikunu mis-6am sal-4pm u jeskludu *weekends* u festi pubbliċi, sakemm jitlesta x-xogħol.

49.10.17. **Korrispondenza mingħand is-Sur Joseph Rossi**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Joseph Rossi f'isem MAPFRE MSV Life li talab permess sabiex titwaħħal mera tat-traffiku quddiem is-sit ta' kostruzzjoni tiegħu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li tali mera tkun a spejjeż tal-imsemmija kumpanija sa ma jitlesta x-xogħol.

49.10.18. **Arabian Night fi Ġnien l-Argotti**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Jonathan Pace għan-nom ta' ETNICA li proponew li jiġi organizzat Arabian Night fi Ġnien l-Argotti. Huma talbu lill-Kunsill sabiex il-Kunsill jisponsorja l-attività billi jħallas €7000. Il-Kunsill ma qabilx minħabba li l-Kunsill ma setax jisponsorja attivitajiet u anke minħabba li s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu ma tippermettix dawn l-ammonti.

49.10.19. **Boomerang Child PRoject**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Boomerang Child Project fejn ipproponew li jittellgħu korsijiet għat-tfal fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattjahom u jistaqsi għal aktar informazzjoni dwar dawn il-korsijiet.

49.10.20. **Gaia Foundation – Clean-up Activity**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Sinj. Gabriella Borg għan-nom ta' Gaia Foundation fejn informaw lill-Kunsill b'attività ta' tindif li kienu ser jagħmlu fix-xhur li ġejjin. Huma talbu lill-Kunsill jipprovdi 2 skips u jieħu

ħsieb is-servizz ta’ ġbir ta’ skart goff. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem magħha u jara jekk jistax jipprovdi boroż tal-iskart minflok skips. Il-Kunsill qabel ukoll li jipprovdi servizz ta’ ġbir ta’ skart goff u li jitlobhom jindikaw is-siti proposti għat-tindif.

49.10.21. **Folding Map – Luca Cauchi**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Luca Cauchi fejn informa lill-Kunsill bl-ispiża addizzjonali għall-artwork tal-mappa li tammonta għal €120 iktar mill-ispiża oriġinali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jipproċedi fil-kwotazzjoni riveduta.

Il-Kunsillier AD ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn titranġa linja li hemm fuq id-disinn li jimmarka l-Fosos minħabba li kif inhi, qed tindika l-Istitut Kattoliku. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lis-Sur Luca Cauchi b’dan.

49.10.22. **Il-Kunċert ta’ Joseph Calleja 2019**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand NNG Promotions li talbu permess bil-miktub sabiex jibbukkjaw il-Fosos nhar l-24 t’Awwissu 2019 għall-kunċert li ser jittella. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jagħti dan il-permess bil-miktub bil-kundizzjoni li l-ewwel jirċievi l-bilanċ pendenti li għandu ma’ din il-kumpanija.

49.10.23. **Fuljett maħruġ minn Reġjun Xlokk**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Reġjun Xlokk fejn talbu lill-Kunsill jissottometti kelmtejn għal ktejjeb li ser jippublikaw. Il-Kunsill qabel li għandu jikkomunika magħhom sabiex jara x’hemm bżonn jipprovdi eżatt.

## 49.11 Mappa – Explore Floriana

49.11.1. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi għall-materja li jmiss minħabba li din il-materja kienet diġà ġiet diskussa f’materja nru 49.10.21.

## 49.12 Ġenna ta Ġonna

49.12.1. Is-Sindku nformat li din is-sena, il-Pulizija kienu ser jipparteċipaw ukoll bil-kavallerija apparti li ser itellgħu *dog show* u jiftħu l-mużew.

49.12.2. Is-Sindku qalet ukoll li kienet ġiet ikkuntattjata mis-Sur Chris Vella mill-Ministeru tat-Trasport fejn propona li matul Ġenna ta’ Ġonna, tinfetaħ Project House u tittella’ *car wash* b’riżq il-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill qabel.

49.12.3. Is-Sindku qalet li kienet ġiet avviċinata mir-rebbieħ tal-esebizzjoni ta’ fotografija tal-edizzjoni li għaddiet. Hija staqsiet jekk kienx issemma li jingħata xi rigal lir-rebbieħ jew lill-parteċipanti. Il-Kunsillier AD qal li kienu ssemmew li jingħataw vouchers iżda dawn kienu għadhom ma ngħatawx. Is-Sindku qalet li dawn messhom tqassmu ladarba kienu ġew imwegħda.

49.12.4. Il-Kunsillier JAE propona li tittella’ esebizzjoni ta’ artisti Furjaniżi fis-Sala Robert Samut. Is-Sindku proponiet li jiġi avviċinat Pullu Magro, artist Furjaniż.

49.12.5. Is-Sindku nformat ukoll li dakinhar kienet ser tinżamm laqgħa mal-għaqdiet dwar l-edizzjoni ta’ Ġenna ta’ Ġonna.

**49.13 IL-KUNĊERT TAL-ISLE OF MTV**

49.13.1. Is-Sindku DSH informat din l-edizzjoni kienet għaddiet u kienet marret tajjeb. Hija qalet li kien hemm xi ilmenti dwar il-parkeġġ minħabba li mhux kulħadd sab jipparkja fl-MCP.

49.13.2. Il-Viċi Sindku VB qal li kien hemm xi ħsarat fil-kaptelli ta' Ġnien il-Mall. Is-Sindku qalet li dawn l-ilmenti kienu ġew mgħoddija lill-MTA.

49.13.3. Il-Viċi Sindku VB qal li jħoss li kien hemm inqas attendenza f'din l-edizzjoni.

49.13.4. Is-Sindku qalet li tħoss li hemm bżonn li jkun hemm iktar konċentrazzjoni ta' toilets fi Triq San Tumas. Il-Kunsillier JAE qabel u nnota li kien sar dawl fuq it-toilets kif mitlub.

49.13.5. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet ġiet informata mill-MTA li l-Kunsill kien ser jirċievi is-somma ta' €20,000 bħala Responsabbiltà Soċjali Korporattiva għall-edizzjoni tal-Isle of MTV 2017 u 2018.

49.13.6. Is-Sindku qalet ukoll li kienet kuntenta bil-gwardjani lokali li ħadmu b'mod effiċjenti dakinhar fejn anke ħarrku matul il-kunċert.

49.13.7. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk għall-edizzjoni li jmiss, il-Kunsill jistax jistaqsi li jiġi kkunsidrat li l-biljetti tal-MCP jkunu jistgħu jiġu użati iktar minn darba. Is-Sindku qalet li ser tressaq din il-proposta.

49.13.8. Is-Sindku qalet li ser tkompli titlob li l-Floriana tingħalaq għar-residenti biss u sabiex tipprovdi aċċess għall-Beltin biss u dan biex jiġi evitat il-konfużjoni u l-problema ta' parkeġġ li tiġi kkawżata ta' kull sena.

**49.14 IL-KUNĊERT TA' JOSEPH CALLEJA**

49.14.1. Is-Sindku DSH qalet li l-kunċert ta' Joseph Calleja ser jinżamm nhar il-21 ta' Lulju 2018.

49.14.2. Is-Sindku qalet li ser tikkorrispondi mal-organizzatur sabiex jiġu mħallsa l-bilanċi pendenti.

**49.15 IL-PROĠETT TAL-ĠNIEN RE GEORGE V**

49.15.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li d-DNO kienet ġiet approvata u li l-Kunsill kien qed jistenna mingħand il-Perit tiegħu sabiex ikun jista' jissottometti d-dokumenti li fadal. Hija qalet li minkejja diversi tfakkiriet, il-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda risposta mingħand il-Perit. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jipprova jikkuntattjah il-Kunsillier JAE.

**49.16 ĠURNATA CATANIA**

49.16.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li ser tiġi organizzata ġurnata f'Catania nhar it-28 ta' Lulju 2018. Il-Kunsill approva.

**49.17 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

49.17.1. Il-laqgħa intemmet fl-4.30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 8 t'Awwissu fis-2.00pm.

**Konfermati, llum 8 t' Awwissu 2018**

| | |
|---|---|
| *Firmati* | *Firmati* |
| Davina Sammut Hili | M'Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |